MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 09/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 24 ta' Settembru, 2013 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sna Romina Galea |
| | KAS | Sna Mary Rose Mifsud |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Sur Matthew Agius<br>Sur Emanuel Brincat |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 22 ta' Awwissu, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 08/K7/2013.

2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati
7. Ħsarat fil-Playing Field
8. Affarijiet oħra jekk urgenti
9. Aġġornament.

| Seduta Numru 08/13 |
|---|

377 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 07/K7/2013.

378 Il-minuti tat-tmin laqgħa tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

379 Materja 338: Is-Sur Charles Selvaggi qal li jixtieq li jiżdiedu l-kliem 'meta mar fuq il-post' għax kien meta mar hemm li biddel fhemtu.

380 Materja 349: Id-Dott Alex Sciberras qal li hu qal "biex fejn kunsillier jintrabat ma' xi resident fuq xi ħaġa, fejn hu possibli, l-Kunsill jappoġjah". Dawn il-kliem għandu jiżdiedu ma' din il-minuta.

## 2. Materji tal-Minuti

381 Materja 329: Is-Sindku talbet li l-laqgħa li kellha ssir mar-Residenti fuq Triq il-Kunċizzjoni tiġi posposta sakemm terġa tirritorna lura mis-safar. Il-Kunsill qabel. Qabel ukoll li d-data tal-laqgħa tiġi deċiża waqt il-laqgħa t' Ottubru.

382 Materja 331: Is-Segretarju informat lill-Kunsill li l-Minstru ma rrispondiex ir-'reminder' li ntbagħtet fuq l-Iskema tal-Parkeġġ Residenzjali. Is-Sindku qalet li waqt il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki li għandu jsir fi tmiem il-ġimgħa din il-materja ser tiġi diskussa.

383 Intalbet sospenżjoni tal-laqgħa, u l-Kunsill qabel, minħabba li ġie s-Sur Joe Borg tan-Nexos biex jispjega fuq il-ħsarat li sab fil-'playing field'. Is-Sindku spjegat li saru xi atti vandali fil-ġnien fejn inqatgħu xi cables. Is-Sur Joe Borg tan-Nexos, li kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, sab li hemm periklu u ser jitfi id-dwal tal-playingfield u jixel il-floodlight. Ser issir ukoll stima tax-xogħolijiet li jridu jsiru.

384 Il-laqgħa kompliet fis-18:08.

385 Materja 332: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjoni ta' CCTV Cameras li jaħdmu bid-dawl li jistgħu jinqalgħu u jitwaħlu f'positijiet differenti. Ippreżentat ukoll imejl mill-Enemalta fejn intalbet is-somma ta' €250 ta' kirja ta' kull arblu li jittieħed id-dawl minnu għal perjodu ta' 5 snin. Il-Kunsill qabel li dan huwa għoli u qabel li l-aħjar soluzzjoni tkun li jikkoperaw ir-residenti mal-Kunsill f'din l-inizjattiva. Saret diskussjoni fuq il-postijiet li jistgħu jintużaw u issemmew id-Dar ta' L-Anzjani, il-Klabb tal-Futbol u l-Għaqda Nassaba u Konservazzjonisti. Il-Kunsilliera ser jkellmu l-kuntatti tagħhom f'dawn il-postijiet. Tfakkar li jridu jsiru t-tabelli biex jindikaw li hemm CCTV u s-Sur Maurice Agius saqsa jekk hemmx bżonn li jsir xi avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Id-Dott Alex Sciberras qal li m'hemmx għalfejn.

386 Is-Sindku semmiet li ser jinbiddlu is-CCTV Cameras tal-Playing Field minħabba li dawn kienu ġew vandalizzati.

387 Materja 334: Is-Sur Maurice Agius ser jiftiehem mas-Sur Emanuel Brincat biex imur fuq il-post minħabba l-parking bay ta' Johnny Catania. Is-Sur Maurice Agius qal li din qed tintuża biex persuna żżomm il-parkeġġ tal-karozza u qal li dan mhux ġust.

388 Materja 341: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-linji bojod li tpittru mit-Trasport Malta u s-segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta. Hu qal li din ma kienetx risposta sodisfaċenti u insista li tinkiseb l-informazzjoni mitluba.

389 Is-Sindku spjegat il-proposti tat-TM għaż-żona tax-Xatt ta' L-Imsida wara li din ġiet diskussa fil-laqgħa li kellha hi u s-Sur Brincat mal-Perit Audrey Testaferrata Denoto. TM qegħdin jintalbu mill-pulizija biex il-karreġiata ta' mingħajr traffic lights tingħalaq. Il-Viċi Sindku qal li din id-deċiżjoni ser toħloq konġestjoni kbira u kompla billi qal li l-proposti tat-TM ser joħolqu problemi fuq it-traffiku li jkun ġej minn tax-Xbiex. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lit-TM fejn jitniżżlu r-raġunijiet għalfejn il-Kunsill ma unanimament ma jaqbilx ma din il-proposta.

390 Materja 344: Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li tkellmet ma' ta' l-Insurance fuq l-iskart li qed jinħareġ barra l-ħinijiet tal-ġbir u li anke intbagħtet ittra. Kien hemm rapporti pero' li xorta waħda qed joħorġu l-borża ta' l-iskart fil-għaxija qabel jagħlqu.

391 Issemmiet li hemm 'beautician' fi Triq Clarence li qed toħroġ xi żibel barra mill-ħinijiet ukoll u ġie deċiż li tintbagħat ittra lilha.

392 Materja 349: L-ittra intbagħtet lir-residenti ta' Triq Sant Andrija u żewġ persuni (Maria Borg u s-Sna Calleja) ikkuntatjaw lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaraw il-korrespondenza mit-TM. Ġie spjegat kif is-Sna Calleja ilmentat li l-art fejn saru l-'parking bays' hija art privata. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li talbitha biex iġġib il-provi li din l-art mhix art tal-Gvern. Is-Sna Maria Borg minn naħa l-oħra lmentat li għandhom isiru xi parkeġġi oħra aktar il-fuq u li t-TM qalulha li l-Kunsill qatt ma applika għal parkeġġi f'din is-sezzjoni tat-triq. Is-sur Selvaggi eżiġa li t-TM jgħidulna jekk jistgħux isiru parkeġġi hemm jew le. Sar qbil biex il-Kunsill japplika mat-TM biex jara jekk dawn il-parkeġġi jiġux aċettati jew le.

393 Materja 350: Il-Kunsill ġie informat li s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mar-rappreżentanti tal-SDM qabel il-laqgħa fejn ipprovdewha bil-proposti tagħhom għal l-imaniġjar tat-traffiku fiż-żona tal-Junior College. Il-Viċi Sindku ppreżenta dawn is-suġġerimenti lill-Kunsill u l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Sar qbil li l-Kunsill jipproponi dawn il-miżuri lit-TM u imbagħad jimplementahom meta jiġu approvati.

394 Materja 351: Il-Kunsill qabel li jekk il-Green MT ma jattendux għal meeting tal-Ħamis 26 ta' Settembru tinħareġ Default Notice kontra tagħhom. Għandha wkoll issir talba għal pagament finali u jekk dan ma jsirx il-kunsill jibda proċeduri legali.

395 Materja 356: Sar kuntatt mas-Sur Nello Calleja f'St Martin's College biex tiġi stabilita data għal laqgħa bejn il-Kunsill u din l-iskola. Huwa ssuġerixxa l-aħħar ġranet ta' Settembru biex ikunu leħqu ssetiljaw. Il-Viċi Sindku qal li l-laqgħa trid issir pero' l-ewwel aħjar li jinkiseb informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tal-permess oriġinali tal-iskola u anke fuq ir-regoli ta' preżenza ta' pulizija ħdejn l-iskejjel.

396 Materja 360: Il-Viċi Sindku qal li għadu jrid jipprepara r-risposta fuq il-permessi tal-gabbani.

397 Materja 362: Il-Kunsill ġie informat li qed tiġi ppreparata l-PC Application biex tiġi pproċessata mill-MEPA.(Proġett Ċensu Farrugia)

398 Is-Sur Abela Wadge saqsa għax it-triq f'dik iż-żona hija magħluqa u ġie informat li dan minħabba li sfronda ħajt waqt il-maltemp. Il-Kuntrattur qed jsewwi l-ħsarat imma t-triq kellha ddum xahrejn magħluqa.

399 Il-Kunsill ġie informat li l-laqgħa li kellha ssir mas-Segretarju Parlamentari Dr J Herrera fil-fatt saret mal-konsultent tal-Kunsilli Lokali Michael Cohen. F'din il-laqgħa s-Sindku talbet għajnuna finanzjarja minħabba l-amministrazzjoni tal-Hamlet tas-Swatar, iż-żoni tal-Junior College u l-Universita' u żieda ġenerali fl-allokazzjoni.

400 Is-Sindku qalet li tkellmet mal-ħaddiema u li l-kwistjoni ġiet solvuta.

401 Materja 373: Ġie deiż li tiġi aċċetata l-istima li ġab is-Sur Bartolo u li jaħmel il-festun hu. Is-Sur Maurice Agius saħaq li l-Kunsill ta' Birkirkara għandhom jissuplixxu l-bozzoz. Is-Sur Bartolo saqsa min iħallas id-dwal tal-Milied li jsiru ħdejn il-Knisja tas-Swatar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja.

**3 Korrespondenza**

402 41/0512 – Il-Kunsill ġie informat li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar kien sejjer jirreżinja minn din il-kariga u li s-Segretarju Eżekuttiv ta' L-Imsida aċċettat li tkun hi s-Segretarja tal-KAS. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

403 41/0495– Inqrat it-talba tal-Kumitat tal-Banda u –Kunsill qabel li jkollhom stima ta' l-ispejjeż ikkonċernati. Importanti wkoll li l-Kunsill jiċċekja ma' L-Enemalta fuq x'wajrs hemm għadejjin u li l-Kunsill jitkellem mal-Perit fuq il-permessi neċessarji mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li jsir ftehim bil-miktub fejn jintqal li l-ebda bandieri politiċi ma jittajru fuq dan l-arblu.

404 41/0472 – Il-Kunsill approva li jibda l-kors tat-TCTC bl-isem ta' Learn IT. Is-Sur Maurice Agius saqsa dwar korsijiet biex wieħed jitgħallem juża Facebook, u xi programmi oħra fuq l-internet. Is-Segretarju Eżekuttiv informatu li dan il-kors li jismu 'Lifestyles' ser ikun jista jiġi offrut mill-Kunsilli minn Jannar 2014.

405 41/0527 – Il-membri tal-Kunsill ġew informati li ser isiru xi korsijiet tal-kompjuter b'xejn għall-anzjani (minn 65 sena l-fuq) li huma organizzati mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat l-imejl lil kull Kunsillier.

406 41/0502 – Ġiet nominata l-anzjana Carmen Galea għal-premju Anzjan tas-sena mniedi mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali.

**4 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

407 Il-pagamenti ġew imressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn kollha ġew approvati.

408 Is-Sur Bartolo ġibed l-attenzjoni li n-numru ta' reflectors li nxtraw kienu 4 u mhux 6 kif hemm f'numru 48 fuq l-iskeda.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

409 Minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu r-rwol ta' Segretarju tal-KAS hi talbet lis-Sna Mifsud li jiltaqgħu u jitkellmu fuq ix-xogħlijiet pendenti li hemm xi jsir fis-Swatar qabel dawn jitresqu lill-Kunsill.

## 6 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.

410 Is-Sur Lino Bartolo qara l-minuti tal-Sotto Kumitat ta' l-Anzjani li qed jiġu annessi mal-minuti.

## 7 Ħsarat fil-Playing Field

411 Il-ħsarat tal-'playing field' ġew diskussi f'minuta 383.

412 Is-Sindku informat lill-Kunsill li se titranġa wkoll is-sistema tas-CCTV f'din iż-żona.

413 Issemma li hemm raġel anzjan li qed jorqod fil-ġnien u li qed ikun agressiv ma' min imur ikellmu. Is-Sur Selvaggi qal li jrid isir rapport lill-pulizija.

## 8 Affarijiet oħra hekk urġenti

414 Il-Viċi Sindku ressaq proposta lil Kunsill rigward l-iskala tal-paga ta' l-impjegata Marisa Xerri D'Emanuele. Hu qal li hi talbet biex titla Scale. Hu qal li għalkemm Ms Xerri D'Emanuele ilha biss sitt xhur li bdiet taħdem 'full-time' mal-Kunsill, minħabba n-natura tal-kuntratt tas-servizz li kellha l-liġi ttiha ċertu drittijiet. Hu qed jipproponi kompromess li hi titla minn notch 3 sa notch 7 fis-Scale 15. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk id-Dott Sciberras kienx qed iressaq din il-proposta bħala l-avukat ta' Ms Xerri jew inkella bħala Kunsillier. Il-Viċi Sindku wieġeb billi qal li hu kien jirrappreżenta lis-Sna Xerri meta hu ma kellu l-ebda konnessjoni mal-Kunsill. Qal ukoll li malli kkandita ruħu kien informaha li mhux ser ikun iżjed jista jun l-avukat tagħha. Hu saħaq li hu qed iressaq talba ta' impjegata minħabba li hu responsabbli tal-finanzi tal-Kunsill. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill irid ikun ċert li din id-deċiżjoni ma toħloqx problema mal-membri oħra ta' l-istaff. Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq id-differenza fil-kwalifiki ta' bejn Mirane Camilleri u Marisa Xerri Demanuele. Il-Kunsill approva din il-proposta u l-Viċi Sindku qal li ser isir laqgħa ma' l-'istaff' fil-futur qarib fil-preżenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jintroduċu xi tibdiliet fir-rwoli tagħhom.

415 Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa.

416 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq kaxxa bajda li nżebgħet safra fi Triq Achille Ferris. Is-Sindku informatu li daħlu xi rapporti anke l-Kunsill u li din inżebgħet mingħajr permess u ser terġa tinżebagħ bajda.

417 Is-Sur Selvaggi semma xi garaxx fi Triq Tower Gate kantuniera ma' Tal-Qroqq fejn nhar ta' Tnejn qed jiġi raportat li qed isir xi tisjir. Is-Sur Selvaggi u s-Sindku ftehmu li ser imorru jaraw minħabba li r-residenti ta' Triq l-Isqof Caruana għamlu diversi lmenti.

418 Is-Sur Maurice Agius talab li jsiru xi toqob biex joħroġ l-ilma faċċata ta' Tancredi's Paint Shop. Qal li Ċensu l-ħaddiem jaf fejn.

419 Is-Sur Abela Wadge qal li hemm bżonn issir applikazzjoni għal dwal ġodda fi Triq Oscar Zammit minħabba li hemm biċċa mudlama u saru xi żewġ serqiet.

420 Is-Sna Galea talbet biex jitwaħħlu xi avviżi fi Triq San Ġużepp minnħabba ż-żibel li qed jintefa fiż-żona.

421 Is-Sna Galea semmiet li hemm Cherry Picker fi Triq Bordin (ħdejn id-Duke's Bar) li qed jitħalla armat. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja jekk hemmx permess.

422 Is-Sindku talbet li jsiru l-Business Cards tal-Kunsilliera l-ġodda u jekk xi kunsilliera ma baqalhomx javża lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli dawn jiġu pprintjati.

423 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20:32.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv